MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 26/2014

**Apple Snacks Limited, socjetà estera, rregistrata fl-Ingilterra bin-numru 04938401, rapprezentata lokalment mill-mandatarju lokali tagħha Claude Camilleri (I.D. 606863(M))**

**Vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport F'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-Rikorsipprezentat mis-socjeta` **Apple Snacks Limited** ipprezentat fis-27 ta' Frar 2014 fejn gie premess is-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-vettura li hija proprjeta' tas-soċjetà rikorrenti u senjatament il-vettura tal-ghamla Volkswagen Transporter bin-numru ta' registrazzjoni Ingliz KY51 YGM hija destinata ghall-uzu fin-negozju gestit mis-socjeta' rikorrenti ghall-garr ta' prodotti ta' l-ikel, kemm gewwa l-Ingilterra kif ukoll f'Malta u lil hinn;*

2. *Illi nhar is-Sibt is-6 ta' Lulju 2013, filwaqt illi l-vettura in kwistjoni kienet qeghda tigi misjuqa ma' Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq minn impjegat tas-socjeta' esponenti, liema impjegat huwa ta' nazzjonalita barranija, xi rapprezentanti ta' l-Awtorita intimata waqqfu lis-sewwieq u allegaw, fost ohrajn, illi bi ksur tar-regolamenti ta' Malta, il-vettura in kwistjoni ma gietx registrata ma' l-Awtorita' intimata u li fuqha t-taxxa ta registrazzjoni ma kinitx thallset;*

3. *Illi sussegwentament ir-rapprezentanti ta' l-Awtorita' intimata ordnaw illi l-vettura in kwistjoni tittiehed minnufih u tinzamm taht il-kustodja ta' l-istess Awtorita' minghajr ma taw opportunita lis-sewwieq sabiex jispjega sew ir-raguni ghalfejn il-vettura in kwistjoni ma kinitx registrata ma' l-Awtorita intimata u l-anqas ma thallset taxxa ta' registrazzjoni fuqha;*

4. *Illi sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, il-vettura in kwistjoni ghadha fil-pussess ta' l-Awtorita' intimata;*

5. *Illi, kif ser jigi ampjament ippruvat fil-mori tal-proceduri odjerni, il-vettura in kwistjoni tissodisfa r-rekwiziti kollha kontemplati fl-artikolu 18 (1)(a) ta' l-Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta) liema artikolu jipprovdi ghall-ezensjoni mir-registrazzjoni ta' vettura ma' l-Awtorita' intimata u mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi minkejja li dawn jintuzaw fit-toroq Maltin;*

6. *Illi inoltre, is-socjeta' esponenti ghandha wkoll dikjarazzjoni bil-miktub mill-agenzija responsabbli ghat- trasport gewwa l-Ingilterra id-'Driver and Vehicle Licensing Agency' (DVLA) fejn din ta' l-ahhar tikkonferma illi fuq il-vettura in kwistjoni m'hemmx bzonn li tithallas taxxa ta' registrazzjoni peress illi din il-vettura tintuza ghall-ivjaggar kontinwu f'diversi pajjizi b'rabta man-negozju gestit mis-socjeta' esponenti;*

7. *Illi saru diversi tentattivi da parti ta' l-esponenti sabiex tispjega lill-Awtorita' intimata illi l-vettura in kwistjoni tissodisfa r-rekwiziti ta' l-Artikolu 18(1)(a) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant hija ezentata mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni u registrazzjoni ma' l-Awtorita'. Fid-dawl ta' dan is-socjeta' esponenti talbet ukoll li l-istess vettura tigi rilaxxjata u rritornata lilha, prova dan*

*hija l-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet kopja taghha hawn annessa u mmarkata bhala Dok '**A**';*

8. *Illi l-Awtorita' intimata, permezz ta' ittra datata it-22 ta' Lulju 2013, cahdet l-interpretazzjoni tal-provvedimenti legali invokati mis-socjeta' rikorrenti minghajr ma tat spjegazzjoni jew ragunijiet validi kif waslet ghal din il-konkluzjoni u minflok sahqet illi l-vettura kellha tigi registrata ai termini ta' l-artikoli 2A(1) u 2A(2) ta' Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja ta' l-ittra hawn annessa u mmarkata bhala Dok '**B**');*

9. *Illi ntbghatet ittra legali mill-avukat tas-socjeta' esponenti datata is-17 ta' Awissu 2013 fejn l-Awtorita' intimata giet specifikatament mitluba sabiex taghti ragunijiet validi u legali ghaliex il-vettura in kwistjoni mhix ezentata ai termini ta' l-artikolu 18 (1)(a) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja ta' din l-ittra hawn annessa u mmarkata bhala Dok '**C**');*

10. *L-Awtorita' intimata rrispondiet ghall-ittra msemmija f'paragrafu 9 hawn fid-9 ta' Ottubru 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok D) liema risposta hija identika ghal dik moghtija fl-ittra tat-22 ta' Lulju 2013 suriferita u ghaldaqstant l-Awtorita' intimata ghal darb'ohra naqset milli taghti ebda ragunijiet validi u legali ghad-decizjoni u pozizzjoni li kienet hadet precedentament;*

11. *Illi s-socjeta' esponenti thossha aggravata bid-decizjoni u l-pozizzjoni li hadet l-Awtorita' intimata' fir-rigward tal-vettura in kwistjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

12. *Jiddikjara, in linea ta' revizjoni tal-posizzjoni ta' l-Awtorita' intimata, li l-vettura in kwistjoni ta' l-ghamla Volkswagen Transporter bin-numru ta' registrazzjoni Ingliz KY51 YGM ma tikkomportax maghha r-registrazzjoni ma' l-Awtorita u/jew il-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni u dan ghaliex tissodisfa r-rekwizit ghall-ezensjoni mill-istess kif kontemplati fl-artikolu 18(1)(a) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta;*

13. *Jiddikkjara illi l-agir tat-tehid tal-vettura in kwistjoni mill -Awtorita' intimata huwa wiehed illegali u abbuziv u ghalhekk jordna illi tigi mhassra l-pozizzjoni u decizjoni li hadet l-Awtorita' intimata fir-rigward tal-vettura in kwistjoni;*

14. *Jordna lill-Awtorita' intimata sabiex tirritorna l-vettura in kwistjoni lis-socjeta' rikorrenti minghajr ebda dewmien;*

*15. Jordna kwalunkwe provvediment iehor xieraq u opportun fic-cirkustanzi bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-Awtorita' intimata u bl-imghax skond kif ordnat minn dan l-Onorabbli Tribunal;*

*16. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk kemm-il darba dan l-Onorabbli Tribunal jiddikjara illi l-procedura tat-tehid tal-vettura de quo hija wahda legali, jiddikjara illi r-rifjut u/jew in-nuqqas ta' indikazzjoni da parti tal-intimata rigward il-liċenzji jew ammonti ta' reġistrazzjoni applikabbli hija waħda abbużiva u kwindi jordna lill-istess Awtorità sabiex fi żmien qasir u perentorju tiddikjara x'inhuma dawk l-ammonti li skond hi huma pagabbli. "*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fis-26 ta' Marzu 2014 fejn eccepiet is-segwenti:-

*"Illi t-talbiet tas-socjeta' esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma bazati fuq interpretazzjoni zbaljata tal-ligi stante illi, sabiex il-vettura KY 51 YGM tkun tista' tinstaq u tintuza fuq xoghol gewwa Malta, kellha tkun licenzjata u dan in linea mal-Art 2A u 2A(2) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Sema' lil Claude Camilleri,[1] lil Emanuel Zammit,[2] u lil Gaetano Frendo.[3]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lill-partijiet jitrattaw ir-rikors;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

[1] A fol. 32 sa 38 u minn fol. 85 sa 86
[2] A fol. 97 sa 102
[3] A fol. 104 sa 107

Illi s-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` intimata li ma tirrilaxxax favur taghha vettura li kienet inqabdet mill-istess Awtorita fis-6 ta' Lulju 2013 meta l-istess vettura twaqqfet minn ufficjali tal-Awtorita` peress li allegatament kienet qieghdha ticcirkola fit-toroq Maltin bi ksur tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur).

Illi mix-xhieda ta' **Claude Camilleri** jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti hija kumpanija li tipprovdi prodotti tal-ikel fir-Renju Unit u fl-Ewropa. Jghid li l-vettura in kwistjoni kienet registrata f'isem is-socjeta` rikorrenti gewwa r-Renju Unit u prova ta' dan esebixxa dokument Dok CC1 li huwa c-certikfikat ta' Registrazzjoni tal-istess vettura. Jghid li jum fost l-ohrajn kien cempillu l-impjegat li kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni u talbu jmur fuq il-post ghax kienu waqqfuh xi ufficjali tal-Awtorita` intimata. Meta wasal fuq il-post sab li l-vettura kienet diga tghabbiet biex tigi ttowjata u meta staqsa x'kienet ir-raguni qalulu li l-istess vettura ma kinitx koperta bir-*road tax*. Ix-xhud spjega lill-ufficjali li sa fejn jaf hu ma kellux bzonn ikollu *road tax* ghaliex kellu zewg dokumenti mid-*Driving and Licensing Auhtority* (DVLA) tar-Renju Unit jghidu li "*road tax is tax for United Kingdom roads*."

Ix-xhud jispjega illi sussegwentement kiteb lill-Awtorita` intimata fejn spjegalhom li d-decizjoni taghhom kienet skorretta u ghal dan il-ghan baghtilhom zewg dikjarazzjonijiet minghand id-DVLA pero ma wasal imkien u ghalhekk kellu jirrikorri ghas-servizzi ta' avukat. Jispjega li minhabba dawn ic-cirkostanzi is-socjeta` rikorrenti kellha tinkariga kumpanija ohra biex taghmel ix-xoghol li kellu jsir bil-vann maqbud.

**Emanuel Zammit**, *enforcement officer* tal-Awtorita` intimata, spjega illi huwa kien involut wara li ngabret il-vettura. Jghid li rrizultalu li l-MOT ta' din il-vettura, li hu ekwivalenti ghall-VRT f'Malta, kien skada fis-16 ta' Novembru 2011 u wkoll li l-licenzja taghha kienet skadiet fl-1 ta' Novembru 2011. Jghid li din ir-ricerka saret mill-website u fil-fatt esebixxa d-dokumenti minn fejn ha l-

informazzjoni bhala Dok EZ1. Jghid li biex isir tigdid tal-licenzja ladarba l-vettura ma kinitx fir-Renju Unit ried jinforma lill-Awtorita` fir-Renju Unit fejn jghidilha li hu ilu zmien barra l-pajjiz u li l-vettura nqabdet barra l-pajjiz u wasal biex jaghmel l-*Ministry of Transport Test* (MOT) u l-licenzja, fejn huma mbaghad jaghtuh dikjarazzjoni, u cioe qisu permess, biex jekk jinqalghu xi diffikultajiet f'pajjizi ohra jurihom l-istess dokumenti. Imbaghad ladarba jerga' jmur fir-Renju Unit immedjatament jirregolarizza l-posizzjoni tieghu mal-Awtorita` hemmhekk. Jghid li jekk persuna jkollha din l-ittra allura l-Awtorita` intimata tirrikonoxxi tali dikjarazzjoni. Jghid li pero fil-kaz odjern ma rrizultalux li kien hemm xi dikjarazzjoni simili.

Ix-xhud jistqarr illi huwa ghandu l-*e-mails* li esebiet is-socjeta` rikorrenti fil-mori tal-proceduri pero ma kellhomx dokument fejn l-Awtorita` Ingliza ghamlet dikjarazzjoni fis-sens imfisser iktar 'il fuq. Ix-xhud jikkonferma illi l-Awtorita` kienet irceviet *e-mail* u cioe dik datata 9 ta' Lulju 2012 li nqratlu mid-difensur tas-socjeta` rikorrenti, liema e-mail tinsab esebita bhala Dok A a fol. 5 sa 7 tal-process.

**<u>Gaetano Frendo</u>**, *enforcement officer* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi huwa u l-kollega tieghu kienu l-ufficjali li waqqfu il-vann in kwistjoni waqt li kienu qed jaghmlu spezzjoni fuq il-karozzi li kellhom numru ta' registrazzjoni barrani. Fir-rigward tal-vettura in kwistjoni irrizultalhom li kellha l-licenzja maghluqa fil-31 ta' Ottubru 2011 u dan irrizultalhom mit-*tax disc* li kienet imwahhla. Huwa jispjega li l-kundizzjoni tal-vettura kienet orribbli peress li kellha hafna sadid. Jghid li l-vann kien kopert minn assigurazzjoni pero peress li ma kellux licenzja mhallsa kellu jittowjah. Jghid li wara rrizulta wkoll li lanqas MOT ma kellu. Jispjega li lilu hadd ma ghaddielu xi *e-mail* rigwardanti r-*road tax*.

Illi t-Tribunal jirrileva illi mix-xhieda u mid-dokument esebiti mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta illi kien hemm diversi skambji ta' ittri bejn l-Awtorita` intimata u s-socjeta` rikorrenti, bl-istess socjeta` titlob lura l-vann in kwistjoni u l-Awtorita` tichad tali talba. Illi jirrizulta illi r-raguni principali moghtija mill-

Awtorita` intimata ghat-tehid tal-istess vettura tinsab f'artikolu 2A(2) tal-Kaptiolu 368 (Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur) u cioe:-

*"L-ebda vettura bil-mutur ma għandha tintuża fuq it-triq mingħajr liċenza ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità sakemm dik il-vettura ma tkunx soġġetta għal eżenzjoni taħt dan l-Att jew ikollha liċenza ta' ċirkolazzjoni valida maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż ieħor."*

Illi mhux kontestat illi l-vettura *de quo* la kienet koperta b'licenzja ta' cirkolazzjoni u lanqas giet sottomessa gewwa r-Renju Unit ghall- ***Ministry of Transport Test*** komunament maghruf bhala *MOT*. Kwindi jiskatta l-artikolu su citat bl-ufficjali tal-Awtorita`, ai termini tal-artikolu 22A tal-istess Att, ikollhom id-dritt li jżommu l-vettura u jordnaw it-tneħħija taghha mit-triq kif fil-fatt gara fil-kaz odjern.

Illi pero` s-socjeta` rikorrenti, *tramite* r-rapprezentant taghha Claude Camilleri, ssostni li hija kellha dikjarazzjoni minghand l-Awtorita` Ingliza dwar it-Trasport li l-vann seta' jibqa' jiccirkola f'Malta minghajr ma tithallas it-taxxa u jsirlu l-*MOT* u meta jerga' jidhol gor-Renju Unit isirlu l-*MOT* u tithallas il-licenzja.

Illi bhala prova ta' dan Claude Camilleri ipprezenta *e-mail* li bghat lill-Awtorita` intimata fejn fiha kkwota zewg emails mibghuta lil u mill-Awtorita` Ingliza, ekwivalenti ghall-Awtorita' intimata f'Malta, li kienu jghidu hekk:-

*"Please can you advise how we could remain legal if taking our UK vehicle abroad for an extended period say 2 years on a multi country trip.*

*We know you say we should export the vehicle if it's to be out of the country for over a year.*

*But that is only practical if the vehicle is to be re-registered in another country. If we are constantly travelling between countries, that cannot be done.*

*We know we can renew the road tax via the internet, but we can only do this if we have a current MOT.*

*It is not possible to renew a UK MOT whilst abroad, so once the MOT expires we cannot retax the vehicle without returning to the UK and as soon as we drive off the ferry we are committing an offence.*

*Are there any concessions for this catch 22 situation?*

*We received the following reply:-*

***Thank you for your email.***

***You are right when you say that it would not be practical to register your vehicle in another country if you are passing through a large number of them over a two year period.***

***You would not be able to tax your vehicle because of the lack of a valid MOT certificate and you would not be able to declare your vehicle off the road because this can only be done if the vehicle was being laid up within the confines of the UK.***

***In these circumstances you would need to write a letter into the Centre quoting the registration mark of the vehicle and explaining why it would not be taxed or declared off the road over the next 2 years or so. You can ask for this correspondence to be entered on to the vehicle record. This would ensure that you would not receive any fines or penalties with regard to the fact that your car will not be taxed.***

***The following contact information should be used with regard to this matter;***

***Vehicle Customer Services, DVLA, Swansea, SA99 1BA.***

***I hope that this matter has clarified matters for you.***

***Regards.***

***And this is the second:***

***Thank you for your email.***

***You would not be able to make a SORN declaration with regard to your vehicle because it is out of the country. SORN can only be declared on a vehicle when it is laid up within the confines of the UK.***

***Because you would not be able to tax your vehicle nor declare it off road let alone permanently export it you would need to write a letter into us. It would be necessary for you to quote the registration number and for you to explain what you intend to do with the vehicle over the next couple of years or so. You can even ask for this correspondence to be placed on the vehicle record so that you are not bothered about any fines or penalties with regard to this vehicle.***

***The address to write or fax into is;***

***Vehicle Customer Services, DVLA, Swansea, SA99 1BA.***

***Fax No. 01792 – 782378."***

Illi ghalhekk, minn qari tal-*e-mails* mibghuta mill-Awtorita` Ingliza jirrizulta illi l-ufficjal tal-istess Awtorita` spjega lil Claude Camilleri illi sabiex ma jigux inkorsi penali ghan-nuqqas ta' hlas tal-licenzja wiehed ried jikteb lill-*Vehicle Customer Services* fejn jikkwota n-numru tal-vettura u jaghti spjegazzjoni x'intenzjoni wiehed ghandu li jaghmel bil-vettura fis-snin li gejjin. L-istess ufficjal spjega li l-indivdwu jista' wkoll jitlob li din il-korrispondenza tigi mpoggija fir-rekords tal-vettura halli wiehed ma jehilx multi u penali. L-istess ufficjal ipprovda lil Claude Camilleri l-indirizz postali u n-numru tal-*fax* fejn kellha ssir tali talba.

Illi mill-provi jirrizulta, pero`, illi minn dan kollu ma sar xejn. Ma hemm l-ebda dokumentazzjoni li turi li Claude Camilleri, ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti, ghamel dak mitlub mill-Awtorita` Ingliza. Li ghamel Claude Camilleri kien li baqa' jinsisti mal-Awtorita` intimata ghar-rilaxx tal-vettura ghaliex skond hu kellu d-dokumentazzjoni kollha li permezz taghha seta' jsir tali rilaxx.

Illi bir-rispett kollu, it-Tribunal ma jaqbilx ma' dak sottomess mis-socjeta` rikorrenti. Is-socjeta` rikorrenti, *tramite* Claude Camilleri, giet infurmata bil-process li kellha ssegwi, process li fi kliem Emanuel Zammit, kieku sar, kien ikun rikonoxxut mill-Awtorita` intimata u ma kien ikun hemm l-ebda raguni ghala l-Awtorita` tibqa' zzomm il-vettura. Pero`, ghal xi raguni li dan it-Tribunal ma jafx, Claude Camilleri ma kitibx kif dirett mill-Awtorita` Ingliza u dan

nonostante li kien hemm sensiela ta’ korrispondenza ma’ rapprezentanti tal-Awtorita` intimata.

Illi dan l-incident spjacevoli seta’ jigi evitat li kieku Claude Camilleri kiteb skond kif dirett mill-Awtorita` Ingliza. Pero`, dan ghal xi raguni, baqa’ ma sarx u korrettement l-Awtorita` intimata baqghat tinsisti li c-cirkolazzjoni tal-istess vettura kienet tmur kontra dak dispost fl-artikoli 2A (1) u (2) tal-Kapitolu 368 li jghidu s-segwenti:-

*“**2A.** (1) L-ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet irreġistrata ma’ l-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta’ reġistrazzjoni applikabbli ma tkunx tħallset sakemm –*

*(a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma titħalliex wieqfa fit-triq jew ma tkunx qed tiġi użata fuq it-triq, jew*

*(b) il-vettura tkun reġistrata f’pajjiż ieħor u tkun tista’ tintuża temporanjament fit-toroq f’Malta skont l-artikolu 18.*

*(2) L-ebda vettura bil-mutur ma għandha tintuża fuq it-triq mingħajr liċenza ta’ ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità sakemm dik il-vettura ma tkunx soġġetta għal eżenzjoni taħt dan l-Att jew ikollha liċenza ta’ ċirkolazzjoni valida maħruġa minn awtorità kompetenti f’pajjiż ieħor.”*

Illi t-Tribunal, fil-verita`, josserva illi l-vettura kienet libera li ticcirkola f’Malta taht l-artikolu 2A (1) (b) citat hawn fuq stante li kienet tattira l-ezenzjoni mir-registrazzjoni ai termini tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 386. Jidher li dan l-Awtorita` intimata ikkoncedietu ghaliex meta wiehed jezamina d-dokumentazzjoni esebita ma jsib imkien illi l-istess Awtorita` kienet qieghdha tinsisti li jsir xi hlas ta’ taxxa ta’ registrazzjoni ghalkemm f’zewg ittri taghha ssemmi li ma setghet tirrilaxxa l-istess vettura ai termini tal-istess artikolu. Illi, pero`, mbaghad hemm is-subinciz (2) li jostakola c-cirkolazzjoni tal-istess

vettura u li dwaru s-socjeta` rikorrenti ma gabitx prova li fil-fatt ghamlet dak rikjest mill-Awtorita` Ingliza biex tkun tista' tkompli ticcirkola hawn Malta. It-Tribunal jirrileva illi huwa veru li l-probabilita` hija li l-Awtorita` Ingliza kienet, jekk mitluba, tohrog dik id-dikjarazzjoni li permezz taghha l-vettura in kwistjoni kienet tkun tista' ticcirkola hawn Malta, pero` jibqa' l-fatt li ma jirrizultax li tali dikjarazzjoni qatt intalbet mis-socjeta` rikorrenti.

Ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jissimpatizza mas-socjeta` rikorrenti, ma jista' bl-ebda mod jiccensura l-agir tal-Awtorita` intimata li mxiet mad-dettami tal-ligi u ma wettqet l-ebda agir illegali u abbusiv. In oltre, t-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata indikat mill-inqas f'zewg ittri taghha, u cioe dik tat-22 ta' Lulju 2013[4] u tad-9 ta' Ottubru 2013[5] fuq liema disposizzjonijiet tal-ligi kienet qed tibbaza l-agir taghha, ghalkemm kif diga inghad iktar 'il fuq artikolu 2A (1) ma japplikax ghall-kaz odjern.

Illi finalment it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata setghet kienet aktar informattiva meta giet biex tinforma lis-socjeta` rikorrenti dwar il-vera raguni ghala kienet qieghdha tagixxi bil-mod kif agixxiet u ghalhekk it-Tribunal ihoss li dan ghandu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jilqa' l-ewwel aggravju tas-socjeta` rikorrenti in kwantu l-vettura in kwistjoni tissodisfa r-rekwiziti tal-artikolu 18 (1) (a) tal-Kapitolu 386 tal-Ligjiiet ta' Malta, jichad it-tieni aggravju stante li l-Awtorita` intimata ma agixxietx illegalment u abbuzivament, jichad il-hames aggravju u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tielet aggravju in vista ta' dak sottomess iktar 'il fuq u fi kwalunkwe kaz ghaliex

[4] Dok B a fol. 14
[5] Dok D a fol. 17

dan it-Tribunal mhux kompetenti li jaghti l-ordni mitluba mis-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------